MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 128/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-11 ta' Marzu 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Ali B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' April 2004 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq

id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 2004.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, li permezz tieghu, il-kawza giet differita sine die stante li kienet baqghet ma gietx notifikata.

Rat id-digriet tal-11 ta' Marzu 2010, li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer biex jirraprezentaw lill-assenti Ali B.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru 2010, li permezz tieghu, il-kawza regghet tqeghdet fuq il-lista, fuq talba tal-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010, fejn ir-rikorrenti talbet aktar zmien biex tipprezenta l-provi taghha.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu fis-sena 2001. ir-rikorrenti hija Maltija u l-intimat mil-Libya. Wasal zmien meta ma kellux flus biex jghix u lanqas kellu saqaf fuq rasu. Skadietlu ukoll il-visa li kienet qed tippermettilu jibqa' Malta. Tkecca minn Malta meta r-rikorrenti kienet ga harget tqila. Irnexxielu jerga' jigi lura Malta qabel it-twelid tat-tarbija u, sabiex ikun jista' jibqa' Malta, izzewgu. Fi kliem ir-rikorrenti:

"*Ghalhekk ma kellna l-ebda ghazla hlief illi nizzewgu. L-unika raguni pero' ghalfejn iddecidejna hekk kien il-fatt illi jien ma xtaqtx illi nrabbi t-tifla wahdi minghajru u biex ikolli l-prezenza tieghu hawn Malta l-unika soluzzjoni kienet iz-zwieg.*"

Damu flimkien biss xahar. Ir-rikorrenti issa qed titlob lill-Qorti tiddikjara n-nullita' taz-zwieg ai termini tal-Art. 19(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 255.

F'materja ta' zwieg ta' konvenjenza, kif infatti qed tqis dan iz-zwieg il-Qorti, gie ritenut hekk:

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament*", (**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998).

Dawn huma precizament il-fattispecie tal-kaz in ezami.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' April 2004 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------